MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 308/2010

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**A B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta' Frar 1996; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-partijiet isseparaw de facto wara konvivenza matrimonjali ta' erba' snin, u ilhom ghaxar snin separati; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] jew [f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg, u tordna d-debita registrazzjoni tieghu fir-Registru Pubbliku;

Rat li l-konvenuta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-15 ta' Frar 1996, fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta' Frar 1996 meta, allura, l-attur, cittadin Egizzjan, kellu 30 sena, u l-konvenuta, cittadina Maltija,kellha 35 sena u diga' kellha tarbija minn relazzjoni ohra.

Wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sitt xhur, il-partijiet iddecidew li jizzewwgu, biex isolvu l-problema tal-visa temporaneja li dak iz-zmien kellu l-attur; u allura zzewwgu sabiex dan ikun jista' jibqa' Malta fir-relazzjoni mal-konvenuta.  Tieg ma sarx, u honeymoon ma' kellhomx.

Wara konvivenza ta' erba' snin, il-partijiet isseparaw de facto, stante li mill-bidunett kienu jinqalghu hafna kwistjonijiet bejniethom, u huma ma setghux jaqblu.

Matul il-konvivenza ma twieldux tfal peress li l-att taz-zwieg sar <u>dejjem</u> bl-uzu tal-condom jew tal-metodu ta' l-itirar da parti ta' l-attur, biex zgur il-konvenuta ma tohrogx tqila, peress li huma ma riedux tfal fiz-zwieg.

In propozitu l-attrici tispjega li hi diga' kellha wild minn ragel iehor u "qisni ma riedtx tfal aktar."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li meta dawn iddecidew li jizzewwgu, ghall-motiv zbaljat, huma ma kienux ghadhom jafu lil xulxin, u ma gharrfux l-import tal-hajja matrimonjali.

Rizultat ta' dan, l-inkwiet matrimonjali bejniethom beda mill-biedu taz-zwieg, u wara erba' snin ipprecipita fis-separazzjoni de facto bejniethom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Frar 1996.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------